**JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001**
Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 3 | STUDJI SOĊJALI (Ġenerali) | Ħin: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: _______________

**TAQSIMA A**
Imla' il-vojt b'dawn il-kliem.

Valuri; dmirijiet; drittijiet; kultura; sens ta' identita'; informazzjoni; opportunitajiet indaqs; riklami; konsumatur; servizzi soċjali.

1. Il- __________________ hija parti mill-identita' nazzjonali tagħna.
2. Bix-xogħol ikolli __________________ ta' ċittadin li qiegħed jagħti sehmu lis-soċjeta'.
3. Kull ċittadin għandu dritt għall- __________________ dwar il-ħajja tan-nazzjon.
4. Il-liġi ta' l- __________________ , tagħti dritt lil kull individwu biex juża s-servizzi ta' edukazzjoni, saħħa u xogħol.
5. Il- __________________ jgħinuna biex inżommu sodi fil-bidliet mgħaġġla li jseħħu fid-dinja.
6. Is-soċjeta' tistenna li kull ċittadin jaqdi d- __________________ , waqt li jgawdi d- __________________ tiegħu.
7. Ir- __________________ jistgħu jkollhom effett negattiv fuq il- __________________.
8. L-istat jipprovdi __________________ lil dawk li għandhom bżonn l-għajnuna.

Total 10 marki

**TAQSIMA B**
Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. Għaliex għandu jkun hemm l-edukazzjoni tal-konsumatur?

_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________

6 marki

2. Semmi ħames drittijiet tal-konsumatur.

5 marki

3. Fisser il-frażi "Soċjeta' Konsumerista"

4 marki

Total 15-il marka

**TAQSIMA Ċ**

1. Ix-xogħol huwa mezz ta' għixien. Imma għandu wkoll l-aspetti soċjali tiegħu. X'inhuma dawn l-aspetti soċjali?

5 marki

2. Hawn ħin għax-xogħol u ħin għall-mistrieħ. Uri kif it-tqassim tajjeb tal-ħin jgħinna nkunu aktar f'saħħitna.

5 marki

3. Ix-xogħol volontarju għandu importanza fis-soċjeta' Maltija. Semmi żewġ għaqdiet li jagħmlu xogħol volontarju u fisser ir-rwol tagħhom.

5 marki

Total 15-il marka

**TAQSIMA D**

1. X'inhu r-rwol tal- W.H.O.?

2 marki

2. Fisser il-frażi 'servizzi tas-saħħa'. Semmi erba' servizzi tas-saħħa f'Malta.

4 marki

3. Uri d-differenza bejn 'servizzi tas-saħħa pubbliċi' u 'servizzi tas-saħħa privati?'

4 marki

4. 'Livell ta' għixien tajjeb jiddependi mis-saħħa ta' l-individwi li jagħmlu l-istess soċjeta'. Uri li teżisti rabta bejn is-saħħa tal-bniedem u l-livell ta' għixien fis-soċjeta.

10 marki

Total 20 marka

**TAQSIMA E**

Agħti tifsira ta' dawn il-kliem. Saħħaħ it-tifsira tiegħek b'eżempji.

1. valuri tradizzjonali
2. soċjeta'
3. normi soċjali
4. etika tax-xogħol
5. teknoloġija

15-il marka

**TAQSIMA F**

Agħżel wieħed u ikteb fit-tul

1. Ir-rwol tiegħi bħala ċittadin/a u bħala konsumatur.
2. Bejn riklami u għażla bil-għaqal.
3. Il-problema tad-droga l-ħabs biss isolviha! Iddiskuti.

25 marka